MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 402/2002/1

**Panta Marketing & Services Limited**
**vs**
**Anthony Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm138.15) rapprezentanti xoghol fuq air conditioning unit maghmul mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-avviz, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' April, 2003 fejn intqal illi:**

**L-ammont mitlub mhux dovut in kwantu x-xogholijiet li saru kienu mwettqa fi zmien li fih kienet ghadha valida u operattiva l-garanzija kummercjali moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenut u li kienet tkopri kemm il-makkinarju u l-apparat supplit, kif ukoll ix-xoghol ta' riparazzjoni talvolta dovut fuq il-makkinarju supplit fil-perjodu de quo.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Frendo, Simon Stafrace, Anthony Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas fuq *air condition unit*. Il-konvenut qed ighid li kienet ghada valida' l-garanzija meta kien jehtieglu r-riparazzjoni fiha u ghalhekk kien kopert.**

**2. Jirrizulta illi l-konvenut kien akkwista minghand is-socjeta' attrici sitt air conditioners fis-sena 1997 liema air conditioners gew stallati fil-1999.**

**3. Skond Stephen Frendo supervisor mas-socjeta' attrici f'Gunju 2000 l-konvenut cempilhom dwar il-fatt li erba' mill-air conditioners ma kienux qed jahdmu. L-istess xhud ighid li baghat technician, Simon Stafrace li rrapporta illi l-erbgha air conditioners kienu mahruqin minhabba short circuit. Is-socjeta' attrici ma bidlitx l-air conditioners imma rrangathom peress illi ma kienux jaqghu taht il-garanzija. Is-somma mitluba fil-fatt tirrapprezenta l-labour fuq l-erba' circuits.**

**4. Skond Simon Stafrace, l-imsemmi technician, irrizultalu illi l-hsara grat minhabba power surge u dana ghalkemm hemm voltage protection.**

**5. Il-konvenut Anthony Micallef jikkonferma illi l-air conditioners kienu gew stallati fil-1999 pero' jghid li beda jhaddimhom ghal habta ta' Gunju jew Lulju 2000. Jirrizulta illi l-problema nqalghatlu mall-ewwel peress illi xi whud minnhom ma hadmux. Il-konvenut ghalhekk ikkuntatja s-socjeta' attrici. Il-konvenut ighid li kien sorpriz meta rcieva kont minghand is-socjeta' attrici ghat-tiswijiet. Il-konvenut jirrileva li kellu appliances ohra fid-dar bhal affarijiet tal-kcina, jacuzzi u sauna u kollox baqa' jahdem normali.**

**6. Il-punt li dwaru tirrisolvi ruhha l-problema huwa dwar minn meta bdiet tapplika l-garanzija, u cioe' ma' l-installazzjoni jew mal-bidu li beda jhaddimhom. Huwa minnu illi l-klawsola 5 fid-Dok C tistipola s-segwenti: "the equipment will be garanteed for a period of 1 year parts and labour, further 2 years on compression only, against defects in material and workmanship from date of installation and commissioning subject to be incorporated within the specified conditions. If a suitable power supply is not available commissioning will be carried out by means of a temporary supply taken from a source within the premises which will be disconnected afterwards."**

**7. Ghalhekk in kwantu l-konvenut beda juza l-air conditioners f'Gunju/ Lulju 2000 u dawn skond ma xehed Stephen Frendo kienu startjawhom fit-2 ta' Lulju, 1999 it-Tribunal iqis illi dawn kienu ghadhom taht il-garanzija u konsegwentement m'ghandux jaghmel tajjeb il-konvenut hsarat li kellhom l-air conditioners.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------